# Fil-Prim Awla tal-Qorti Civili

# Onorevoli Imhallef Albert J. Magri B.A., LL.D.

Seduta ta' nhar it-Tejn 8 ta' Jannar 2001

Citazzjoni numru 2817/98 AJM

Kawza numru

Dottor Louis Bianchi ghan-nom u in rappresentanza tad-ditta assikuratrici Gasan Insurance Agency Limited bhala rappresentatrici tas-socjeta' assikuratrici estera General Accident Fire & Life Assurance Corporation Plc, kif surrogata bil-ligi u bil-polza fid-drittijiet tal-assikurat taghha Saviour Scicluna u b'nota tas-6 ta' Dicembru 1999 is-socjeta' GasanMamo Insurance Agency Limited in rappresentanza tas-socjeta' assikuratrici estera CGU Insurance plc gia General Accident Fire & Life Assurance Corporation plc assumiet l-atti tal-kawza.

Vs

Carmel Cefai u Charles Schembri

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni presentata fit-30 ta' Dicembru 1998 li permezz taghha l-attur wara li ppremetta li fid-9 ta' Novembru 1997 ghal habta tat-3.00 p.m. fil-limiti ta' St Andrews waqt li l-assikurat ta' l-attur, Saviour Scicluna, kien qed jsuq il-vettura Peugeot numru BAP 146 sejjer fid-direzzjoni ta' San Giljan huwa kien involut f'incident tat-traffiku mall-vettura Toyota numru BAF 992 misjuqa minn Charles Schembri u l-vettura Hyundai numru HAB 802 misjuqa minn Carmel Cefai; illi ghal dan l-incident kienu unikament responsabbli l-konvenuti, jew min minnhom, u dana minhabba negligenza, imprudenza u inosservanza tar-regolamenti tat-traffiku u dana kif sejjer jigi spjegat ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawzau kif jidher car mir-rapport tal-pulizija; illi b'konsegwenza ta' dan l-incident il-vettura ta' l-assikurat tal-attur garrget hsarat konsiderevoli, izda billi dina kienet asskurata taht polza 'comprehensive', u billi saret 'claim', l-assikurazzjoni hallset ghad-danni subiti fil-vettura ta' l-assikurat taghha u xi spejjes ohrajn relatati mal-claim u dana fl-ammont totali ta' LM3143.45 kif sejjer jigi spjegat u ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza; illi l-konvenut interpellat biex jaghmlu tajjeb ghad-danni sofferti mis-socjeta' attrici assikuratrici b'rizultat tal-incident imsemmi baqghu inadempjenti kellha ssir din il-kawza; talab li din il-Qorti:-

1. tiddikjarahom jew min minnhom, unikament responsabbli ghall-incident fuq imsemmi li gara fil-limiti ta' St Andrews fid-9 ta' Novembru 1997 u ghad-danni sofferti mis-socjeta' attrici;
2. tillikwida d-danni sofferti mis-socjeta' attrici fl-ammont ta' tlett elef, mija u tlieta u erbghin lira maltin u hamsa u erbghin centenzimi (LM3143.45) jew sommaohra verjuri u jekk hemm bzonn bl-opera ta' periti nominandi;

3. tikkundanna lill-konvenuti jew min minnhom jhallsu lis-socjeta' attrici dik is-somma li tigi hekk likwidata bl-imghaxijiet legali mid-data tan-notifika ta' din ic-citazzjoni.

Bl-ispejjes, komprizi dawk ta' ittra ufficjali tas-26 ta' Frar 1998 kontra l-konvenuti li jibqghu minn issa mharkin ghas-subizzjoni u ghall-ispejjes ta' zewg ittri ufficjali ppresentati kontestwalment ma din ic-citazzjoni kontra l-assikurazzjoni tal-konvenuti.

Rat id-dikjarazzjoni, il-lista tax-xiehda u d-dokumenti ezebiti mill-attur.

Rat in-nota tal-konvenut Charles Schembri presentata fil-5 ta' Frar 1999 li permezz taghha eccepixxa illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u dan minhabba illi l-incident awtomobilistiku in kwistjoni sehh unikament minhabba traskuragini, negligenza, imperizija u non osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti ta' Saviour Scicluna illi kien qed isuq il-vettura in kwistjoni fil-hin ta' l-incident.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xiehda tal-konvenut Schembri.

Rat in-nota tal-konvenut Carmel Cefai presentata fit-28 ta' Gunju 1999 li permezz taghha eccepixxa:-

1. Illi l-ewwel eccezzjoni (recte talba), inkwantu diretta kontrih, ghandha tigi michuda ghax hu ma kienx responsabbli ghall-incident de quo.
2. Isegwi, riferibilment ghat-tieni talba, li m'hemm ebda danni tal-attur noe x'jigu likwidati fil-konfront ta' l-eccipjent.
3. Riferibilment ghat-tielet talba illi m'hemm ebda somma li l-eccipjent ghandu jigi kundannat ihallas lill-attur nomine.

Rat id-dikjarazzjoni, l-lista tax-xiehda u d-dokumenti ezebiti mill-konvenut Cefai.

Rat il-verbal ta' l-udjenza tas-6 ta' Dicembru 1999 ta' din il-Qorti diversament preseduta meta l-kawza giet mibghuta quddiem din il-Qorti sabiex tigi trattata u deciza ghas-seduta tal-15 ta' Marzu 2000.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti u dokumenti ezebiti.

Rat il-verbal ta' l-udjenza tat-22 ta' Novembru 2000 meta l-kawza giet imhollija ghas-sentenza ghas-seduta tal-lum.

Ittrattat il-kawza.

Ikkunsidrat:-

Din il-kawza tikkoncerna incident awtomobilistiku bejn tlett vetturi li gara ghal habta tat-3.00 p.m. gewwa St Andrews Road, St. Andrews fil-vicinanzi ta' Triq il-Qasam li tohrog ghal fuq l-istess St Andrews Road vicin il-fond kummercjali gja mgharuf bhala The Local Pub.

Fil-hin tal-incident l-assikurat ta' l-attur u cioe Saviour Scicluna kien mixi f'St Andrews Road fid-direzzjoni ta' San Giljan wara li kien waqaf fit-traffic lights li hemm aktar 'l fuq fit-triq fejn hemm triq li taghti ta l-Ibragg. Il-konvenut Schembri kien hiereg minn Triq tal-Qasam ghal fuq St Andrews Road u ghadda minn bejn ringila karozzi li kienet waqfet minhabba it-traffic lights aktar 'l fuq. Zewg vetturi li kienu weqfin f'din ir-ringila cedewlu biex jkun jista' johrog u kif ghamel hekk gie milqut mill-vettura misjuqa minn Scicluna. Il-konvenut Cefai kien ukoll niezel

mid-direzzjoni ta' St Andrews wara l-karozza ta' Scicluna. Dan ra l-vettura ta' Schembri hierga ghal fuq il-karreggata taghhom, ra ukoll lil Scicluna japplika l-brakes, hu ghamel l-istess izda xorta wahda habat mal Peugeot ta'Scicluna billi din immollat lura wara l-impatt li kellha mal-vettura ta' Schembri.

Ikkunsidrat:-

Il-kwistjoni kollha hawn hija wahda ta' sewqan prudenti li jinnecessita' 'proper look out' qabel ma wiehed johrog ghal fuq triq principali u, sewqan bi speed entro l-limitu tal-vetturi misjuqa fuq it-triq principali.

Wara li hadet konjizzjoni tal-provi kollha prodotti din il-Qorti hija tal-fehma li l-incident in kwistjoni gara unikament tort tal-konvenut Charles Schembri billi dan hareg ghal fuq triq principali u invada l-karreggata tat-traffiku fuq l-istess triq minghajr ma ha l-prekawzjonijiet mehtiega. Kif grat il-habta ma hemmx dubbju li l-manuvra li ghamel Schembri kienet wahda perikoluza mhux biss billi dan kien hiereg minn fuq triq sekondarja ghal fuq triq principali izda billi biex ghamel hekk dan ghadda minn bejn serbut karozzi li kienu fil-karreggata l-aktar qrib tieghu u b'hekk kellu l-vizwali tal-karreggata gejja mid-direzzjoni ta' S Andrews kompletament ostakolata b'mod li dan ma seta' jara xejn x'kien gej minn naha ta' fuq u ppretenda li jibqa' hiereg, anke jekk bilmod, u dak li jkun fuq t-triq principali jcedielu. Fil-fehma tal-Qorti dan l-incident huwa manifestazzjoni tan-nuqqas ta' pacenzja ta' certa sewwieqa li jridu jghaddu u jibqghu hergin a kost ta' kollox. Kieku Schembri stenna xi minuta t-traffiku gewwa St Andrews Road kien jghaddi u kien jkollu l-opportunita' kollha johrog minghajr perikolu hall-utenti l-ohra tat-triq.

Fir-rigward tas-sewqan ta' l-assikurat ta' l-attur u dak ta' Cefai din il-Qorti ma ssib ebda nuqqas. Dwar Cefai jirrizulta li dan kien jzomm distanza ta' ghaxar metri wara l-vettura ta' Scicluna u mixi bi speed moderat ta' cirka 35 m.f.s. Din id-distanza u speed huma entro il-limiti accettabbli fil-lokalita'. Infatti dan habat mal-karozza assikurata mal-attur sew minhabba l-waqfien hesrem tal-karozza ta' quddiemu u anke billi din giet imbuttata lura ghal fuq mal-impatt mal-vettura ta' Schembri.

Fir-rigward tas-sewqan ta' Scicluna ma ingiebet ebda prova konkluziva li dan kien mixi b'xi speed eccessiv ghal lokalita'. Gie insinwat li l-hsarat ingenti li waslu sabiex il-vettura tieghu tigi dikjarata 'Total loss' huwa indikattiv ta' speed eccessiv. Izda dwar dan il-qorti tirrileva li l-hsara fil-vettura ta' l-assikurat ta' l-attur giet kkawzata mhus biss bl-incident mal-vettura ta' Schembri izda ukoll bid-daqqa fuq wara. Il-Qorti ghalhekk ma ssibx li kien hemm xi kontribuzzjoni sew da parti ta' Scicluna sew da parti ta' Cefai.

Likwidazzjoni tad-danni.

Jirrizulta mix-xhieda ftit li xejn imhawda tas-surveyor Joseph Buttigieg li l-vettura assikurata mas-socjeta' attrici garrbet hsara ammontanti in eccess ta' LM3000. Kien ghalhekk li huwa ssuggerixxa li jsir pagament lill-assikurat fl-ammont ta' LM3000 ghas-saldu.

Ix-xhud Hugh P. Zammit ikkonferma bil-gurament tieghu li s-socjeta' attrici hallset LM3000 lill-assikurat taghha filwaqt li dan zamm ir-wreck. Inoltre l-assikurazzjoni attrici hallset ukoll diversi ammonti zghar ohra bhal ma huma spejjes ta' Road Accident Report, survey fees, towing, spejjes medici etc. fl-ammont totali ta' LM104 b'dana li s-socjeta' attrici

sborsat is-somma komplessiva ta’ tlett elef mija u erba’ liri maltin (L3104.00) bhala konsegwenza ta’ dan l-incident.

Il-konvenut Schembri fl-udjenza tas-16 ta’ Ottubru 2000 iddikjara li ma kienx qed jikkontesta l-quantum tad-danni. Fic-cirkostanzi ghalhekk il-Qorti tillikwida dawn id-danni fis-somma imsemmija ta' L’3104.00.

Ghar-ragunijiet fuq moghtija l-Qorti filwaqt li tilqa’ l-eccezzjonijiet tal-konvenut Carmel Cefai u ghalhekk tilliberah minnkull responsabbilita’ ghall-akkadut u danni rizultanti, tichad l-eccezzjoni tal-konvenut Charles Schembri, tiddikjara li l-incident in kwistjoni gara unikament tort u htija tal-istess Charles Schembri, tillikwida d-danni attrici fis-somma ta’ tlett elef mija u erba’ liri maltin (LM3104.00) u konsegwentement tikkundanna lill-istess konvenut Charles Schembri jhallas lis-socjeta’ attrici l-ammont hekk likwidat bl-imghax legali mid-data tan-notifika tac-citazzjoni.

Bl-ispejjes kollha kontra l-konvenut Charles Schembri.

Onor Imhallef Albert J. Magri